MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2010

Talba Numru. 604/2010

**Vodafone Malta Limited C-10865**

**vs**

**Tony Attard**
**I.D. 13775 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u sebgha u disghin Ewro (€397.00), rapprezentanti prezz ghal servizzi ta’ telefonija cellulari rezi mis-socjeta’ attrici lill-konvenut in konnessjoni ma’ mobile phone bin-numru 99834495.

Il-konvenut interpellat sabiex ihallas diversi drabi baqa’ inadempjenti.

Bl-ispejjez, inkulz tal-mandat ta’ sekwestruipprezentat kontestwalment, u bl-interessi mid-data meta l-ammont

pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontro l-konvenut illi gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut giet debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-Socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u sebgha u disghin Ewro (€397.00), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------